MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 883/2001/1

*Avviz Nru:- 883/01DM*

***Quality Meats Products Limited***

***Vs***

***Lapsi Holdings Limted u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2002 gie kjamat in kawza Joseph Abela FitzPatrick***

*Il-Qorti,*

*Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' erbat elef hames mija u disgha u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm4559.97), ammont rapprezentanti prodotti ta laham lilhom mibjugha u kkonsenjati liema hlas baqa' ma sarx.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu 2001 u tal-Mandati Kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' l-att u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja relattiva sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:*

1 *Is-socjeta konvenuta mhix il-legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici stante illi merkanzija de quo kienet giet ordnata minn Joe Abela Fitzpatrick proprio li kien qieghed jiggestixxi l-lukanda Lapsi Hotel;*
2 *Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Joseph Abela Fitzpatrick fejn eccepixxa illi:*

1 *F'din il-kawza din il-Qorti m'ghandiex il-kompetenza ratione valoris*
2 *L-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici stante illi l-eccipjenti f'ismu proprju qatt ma ordna l-prodotti de quo liema prodotti kienu gew ordnati f'isem u fl-interess tas-socjeta konveuta Lapsi Holdings Limited;*
3 *Subordinatament u minghajr pregudizzju l-azzjoni atttrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (Kap 16);*
4 *Subordinatament u minghajr pregudizzju almenu parti mill-prodotti gew mixtrija fiz-zmien meta l-eccipjenti ma kellu ebda involviment fis-socjeta' konvenuta;*
5 *Subordinatament u minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz ebda ammont mhu dovut mill-eccipjenti stante illi permezz ta' pagamenti akkont illi saru mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici inqata' id-dejn dovut lis-socjeta attrici ghar-rigward tal-perjodu illi l-eccipjenti kien ghad ghandu involviment fis-socjeta konvenuta;*
6 *Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Rat in-nota tal-kjamat fil-kawza Joseph Abela Fitzpatrick tat-13 ta Frar 2003 fejn jirtira l-ewwel eccezzjoni relattiva ghall-kompetenza ratione valoris tal-Qorti.*

*Semghet ix-xhieda prodotti;*

*Rat id-dokumenti esebiti;*

*Rat l-atti kollha tal-process; u*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi l-konvenut ibbazaw il-kontestazzjoni taghhom esklussivament fuq l-allegazzjoni li l-laham li kien qed jigi kkonsenjat mill-atturi, ghalkemm kien ordnat minn Joe Abela Fitzpatrick li kien il-manager tal-lukanda, kien qed jinxtara mill-istess Abela Fitzpatrick f'ismu propriju.*

*Minn-naha tieghu, Joe Abela fitzpatrick li gie kkjamat fil-kawza, cahad l-allegazzjonijiet tal-konvenut u sosstna li kull ordni li ghamel hu kienet ghan-nom u fl-interess tal-konvenuti u kull konsneja saret lill-istess konvenuti.*

*Dan huwa kkoroborat mid-deposizzjoni ta Edward Gatt Floridia, prodott mill-atturi, li jsosstni li l-konsenji tal-laham dejjem saru fil-lukanda gestita mill-konvenuti u li l-atturi jafu lill-kjamat fil-kawza esklussivament bhala manager tal-istess lukanda.*

*Inoltre mid-dokumenti pprezentati mill-atturi u mhux kontestati mill-konvenuti jirrizulta li l-konvenuti mhux biss kienu ufficjalment irrikonoxxew id-debitu sal-31 ta Dicembru 1998 izda bejn Settmebru u Novembru 1999 ghamlu pagamenti sostanzjali akkont minghajr ebda riservi.*

*Minn-naha taghhom il-konvenuti ma gabu ebda prova biex jirribattu l-provi tal-atturi u tal-kjamat fil-kawza u ghalhekk il-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet taghhom fil-waqt li tilqa dawk tal-kjamat fil-kawza fil-meritu u konsegwentement tilqa t-talba attrici fil-konfront biss tal-kumpanija konvenuta u tikkundannahom sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi  is-somma mitluba ta erba telef hames mija u disa u hamsin liri maltin u sebgha u dsighin*

*centezmi (LM4559.97) bl-imghax legali mill-15 ta Settembru 1999.*

*Bl-ispejjs kollha kontra l-kumpanija konvenuta.*

--------------------------------TMIEM--------------------------------